



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 29.11.2023  
C(2023) 8105 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 29.11.2023**

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/1926 li jissupplimenta d-Direttiva  
2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forniment tas-servizzi  
ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali fl-UE kollha**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1926, li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE dwar is-Sistemi ta' Trasport Intelliġenti (STI)<sup>1</sup>, jistabbilixxi speċifikazzjonijiet biex jiġi żgurat li s-servizzi tal-informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali madwar l-UE kollha jkunu akkurati u disponibbli għall-utenti tal-STI lil hinn mil-limiti tal-fruntieri.

B'mod partikolari, ir-Regolament Delegat jispeċifika fl-Anness liema tipi ta' *data*, sakemm ikunu jeżistu f'format diġitali li jinqara mill-magni, jeħtieġ li jiġu magħmula aċċessibbli mill-awtoritajiet tat-trasport, mill-operaturi tat-trasport, mill-maniġers tal-infrastruttura u mill-fornituri ta' servizzi tat-trasport fuq talba. Tali tipi ta' *data* huma meħtieġa biex jiġu pprovduti servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali madwar l-UE permezz ta' punt ta' aċċess nazzjonali f'kull Stat Membru f'format standardizzat. Ir-Regolament Delegat jispeċifika wkoll il-kundizzjonijiet tal-aċċess għad-*data*, u tal-użu mill-ġdid u l-aġġornament tagħha, kif ukoll il-valutazzjoni tal-konformità mar-Regolament Delegat, u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li għandhom jiġu pprovduti rapporti dwarhom.

Ir-Regolament Delegat (UE) 2017/1926 jistabbilixxi dati differenti ta' applikazzjoni li jvarjaw mill-1 ta' Diċembru 2019 sal-1 ta' Diċembru 2023, skont it-tip ta' *data*. Dak ir-Regolament Delegat jippreskrivi wkoll il-kondiviżjoni tar-riżultati tat-tiftix tar-rotta bejn il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar, abbażi ta' informazzjoni statika, u fejn possibbli informazzjoni dinamika.

Ir-rekwiżiti tar-Regolament Delegat (UE) 2017/1926 japplikaw biss għat-tipi ta' *data* elenkati fl-Anness bil-kundizzjoni li d-*data* diġà tkun teżisti f'format diġitali li jinqara mill-magni u ma jippreskrivux il-ħolqien ta' *data* ġdida jew il-ġbir ta' dawn it-tipi ta' *data* mid-detenturi tad-*data*.

Barra minn hekk, ir-Regolament Delegat (UE) 2017/1926 ma jirrikjedix li t-tipi ta' *data* elenkati fl-Anness jiġu kondiviżi mingħajr ħlas. Madankollu, leġiżlazzjoni oħra tal-UE jew nazzjonali tista' timponi rekwiżiti speċifiċi f'dak ir-rigward. Il-punti ta' aċċess nazzjonali jipprovdu servizzi ta' sejbien li jippermettu lill-partijiet ikkonċernati jsibu liema *data* hija aċċessibbli u t-termini u l-kundizzjonijiet relatati għall-użu mill-ġdid tagħha. Id-*data* aċċessibbli permezz ta' punti ta' aċċess nazzjonali tista' tkun soġġetta għal ftehimiet ta' liċenzjar sabiex jingħata aċċess jew sabiex id-*data* tiġi kondiviża u użata mill-ġdid.

Wara investigazzjoni bir-reqqa, li kienet tinkludi analiżi kost-benefiċċji, ġiet rakkomandata reviżjoni tar-Regolament Delegat, f'konformità mal-obiettivi tal-programm ta' ħidma aġġornat tal-2018-2022 tad-Direttiva dwar l-STI<sup>2</sup>, u din ġiet ikkonfermata fil-programm ta' ħidma aġġornat tal-2022-2027<sup>3</sup>.

Ir-reviżjoni tħabbret fl-Istrateġija Komprensiva għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti<sup>4</sup>, ippubblikata f'Diċembru 2020, bħala azzjoni 36 taħt l-inizjattiva ewlenija 6 ("Li l-mobbiltà multimodali konnessa u awtomatizzata ssir realtà").

Sabiex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali madwar l-UE kollha, l-obbligu tal-aċċessibbiltà ta' settijiet ta' *data* dinamiċi huwa essenzjali għall-modi kollha inkluż it-trasport fuq talba. Sabiex ikunu possibbli servizzi ta'

<sup>1</sup> ĠU L 207, 6.8.2010, p. 1.

<sup>2</sup> C(2018) 8264 final.

<sup>3</sup> C(2022) 9140 final.

<sup>4</sup> COM/2020/789 final.

informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali aktar akkurati u aċċessibbli, huma meħtieġa tipi ta' *data* statiċi, storiċi, osservati u dinamiċi addizzjonali. Dan jinkludi *data* dwar il-parkeġġ, l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà u għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, u l-kapaċità ta' żamma tar-roti tat-trasport skedat abbord.

Din ir-reviżjoni tar-Regolament Delegat tgħin lill-UE tieħu vantaġġ sħiħ mis-soluzzjonijiet diġitali intelliġenti u mis-sistemi tat-trasport intelliġenti. Ir-reviżjoni għandha l-għan ukoll li tiċċara kwalunkwe duplikazzjoni ma' regolamenti delegati oħra li jissupplimentaw id-Direttiva dwar l-STI, b'mod partikolari r-Regolament Delegat (UE) 2022/670 fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali fl-UE kollha<sup>5</sup>.

Il-partijiet ikkonċernati tal-STI imsemmija fir-Regolament Delegat huma rappreżentanti tal-Istati Membri, bħall-awtoritajiet nazzjonali u/jew lokali, u rappreżentanti tal-industrija. Dawn il-partijiet ikkonċernati jistgħu jiġu rrappreżentati individwalment jew b'mod konġunt permezz ta' kollaborazzjoni jew proġett.

## 2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Bi tħejjija għar-reviżjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2017/1926, twettqet analiżi kost-benefiċċji, li kienet tinkludi sħarriġ tal-partijiet ikkonċernati. L-istħarriġ sar bejn it-22 ta' Marzu 2022 u t-3 ta' Ġunju 2022, u waslu 55 tweġiba. Barra minn hekk, bejn April u Lulju 2022 saru 66 intervista mmirata mal-partijiet ikkonċernati, li inkludew 21 Stat Membru jew punt ta' aċċess nazzjonali u 45 parti ikkonċernata oħra. Sebgħa mill-intervisti kienu intervisti esploratorji.

Il-Kummissjoni fetħet konsultazzjoni pubblika bejn l-1 ta' Diċembru 2021 u t-23 ta' Frar 2022<sup>6</sup>. Waslu 336 tweġiba u 30 dokument ta' pożizzjoni. 65 % tar-rispondenti enfasizzaw id-diffikultà fl-aċċess għal informazzjoni dwar l-għażliet tal-ivvjaġġar online meta jkunu qed jippjanaw vjaġġ. 79 % tar-rispondenti ssottolinjaw li r-Regolament Delegat kien jew rilevanti jew rilevanti ħafna biex jappoġġa l-użu ta' servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali. L-isfida ewlenija l-oħra li ġiet identifikata għall-aċċessibbiltà tad-*data* u l-kondiviżjoni tad-*data* kienet "kwalità limitata tad-*data*" u "nuqqas ta' aċċess għal *data* f'ħin reali".

L-Istati Membri, il-pajjiżi taż-ŻEE u l-Iżvizzera, ġew mistiedna jaħtru esperti biex jattendu sensiela ta' laqgħat mal-Kummissjoni biex jgħinu fl-iżvilupp tar-reviżjoni tar-Regolament Delegat. Bejn it-23 ta' Frar 2022 u l-20 ta' Jannar 2023 saru disa' laqgħat<sup>7</sup>. Barra minn hekk, saru diversi laqgħat bilaterali mal-Istati Membri.

## 3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament Delegat (UE) 2017/1926 jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE, f'konformità mal-Artikolu 7, fir-rigward tal-azzjoni ta' prijorità (a) stabbilita fl-Artikolu 3 ta' dik id-Direttiva. Is-setgħa li tadotta Atti Delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 12 tal-istess Direttiva.

<sup>5</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/670 tat-2 ta' Frar 2022 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali fl-UE kollha (ĠU L 122, 25.4.2022, p. 1).

<sup>6</sup> [https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/13133-Multimodal-digital-mobility-services/public-consultation\\_mt](https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/13133-Multimodal-digital-mobility-services/public-consultation_mt)

<sup>7</sup> <https://ec.europa.eu/transparency/expert-groups-register/screen/expert-groups/consult?lang=mt&groupID=1941>

L-informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali tista' tipprovdi lill-passiġġieri b'informazzjoni biex jagħżlu vjaġġ li jinkludi modi differenti ta' trasport f'postijiet ġeografiċi speċifiċi, li jissodisfa l-preferenzi, il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-passiġġieri. L-iżvilupp ta' servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali fl-UE kollha jista' jittejjeb ulterjorment b'sett armonizzat ta' rekwiżiti tad-*data*, inklużi speċifikazzjonijiet dwar l-istandardizzazzjoni, l-aċċessibbiltà, il-kwalità tad-*data*, u billi l-partijiet ikkonċernati jiġu meħtieġa jipprovdu *data* għall-użu mill-ġdid.

Dan ir-Regolament Delegat ifittex li jtejjeb l-aċċessibbiltà, l-iskambju, l-użu mill-ġdid u l-aġġornament tad-*data* dwar l-informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali meħtieġa għall-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali kontinwi u ta' kwalità għolja fl-UE kollha.

Minħabba l-bidliet limitati fir-Regolament Delegat (UE) 2017/1926, il-Kummissjoni tqis li huwa l-aktar xieraq li tipproċedi b'reviżjoni minflok b'revoka ta' dan ir-Regolament.

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 29.11.2023

## li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/1926 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali fl-UE kollha

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport<sup>8</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Billi:

- (1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija ta' Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti<sup>9</sup> tidentifika l-użu ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti ("STI") bħala azzjoni ewlenija fil-kisba ta' mobbiltà multimodali konnessa u awtomatizzata, u għalhekk tikkontribwixxi għat-trasformazzjoni tas-sistema Ewropea tat-trasport biex jintlaħaq l-oġġettiv ta' mobbiltà effiċjenti, sikura, sostenibbli, intelliġenti u reżiljenti. L-istrateġija ħabbret reviżjoni tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1926<sup>10</sup> biex tiġi inkluża l-aċċessibbiltà obligatorja ta' settijiet ta' *data* dinamiċi, li hija meħtieġa biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' politika ta' din l-istrateġija, kif ukoll valutazzjoni tal-ħtieġa ta' azzjoni regolatorja dwar id-drittijiet u d-dmirijiet tal-fornituri ta' servizzi diġitali multimodali.
- (1) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew<sup>11</sup> jenfasizza r-rwol dejjem akbar tal-mobbiltà multimodali awtomatizzata u konnessa, flimkien ma' sistemi intelliġenti ta' ġestjoni tat-traffiku permessi mid-diġitalizzazzjoni, u l-oġġettiv li jiġu appoġġati servizzi ġodda sostenibbli tat-trasport u tal-mobbiltà li jistgħu jnaqqsu l-konġestjoni u t-tniġġis, speċjalment f'żoni urbani. Ir-Regolament Delegat (UE) 2017/1926 jappoġġa l-bidla lejn modi ta' trasport aktar sostenibbli, inkluż l-użu ta' modi attivi, bħall-mixi u s-sewqan tar-roti. Billi l-aċċessibbiltà ta' settijiet ta' *data* dinamiċi u ta' settijiet ta' *data* statiċi, storiċi u osservati ġodda ssir obligatorja, kif propost mill-emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2017/1926, is-servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali jistgħu jtejbju l-informazzjoni u s-servizz lill-passiġġier, jagħtu spinta lill-mobbiltà

<sup>8</sup> ĠU L 207, 6.8.2010, p. 1.

<sup>9</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni "Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur", COM(2020) 789 final, 9.12.2020.

<sup>10</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1926 tal-31 ta' Mejju 2017 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali fl-UE kollha (ĠU L 272, 21.10.2017, p. 1).

<sup>11</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", COM(2019) 640 final, 11.12.2019.

multimodali u jnaqqsu l-emissjonijiet, f'konformità mal-objettivi stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew.

- (3) L-istrateġija Ewropea għad-*data*<sup>12</sup> tiddeskrivi kif id-disponibbiltà ta' aktar *data* hija essenzjali għall-indirizzar tal-isfidi relatati mas-soċjetà, mal-klima u mal-ambjent. L-istrateġija tenfasizza l-benefiċċji li se ġgħib l-innovazzjoni xprunata mid-*data* għaċ-ċittadini u tipproponi l-ħolqien ta' spazji tad-*data* komuni u interoperabbli fl-UE kollha f'setturi strateġiċi, inkluż spazju tad-*data* komuni Ewropew dwar il-mobbiltà. F'dak ir-rigward, ir-Regolament Delegat (UE) 2017/1926 jikkontribwixxi għaż-żieda fl-aċċessibbiltà u l-kondiviżjoni tad-*data* dwar l-informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali. Billi ssir obligatorja l-aċċessibbiltà tas-settijiet ta' *data* dinamiċi kif propost mill-emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2017/1926, aktar *data* se ssir aċċessibbli u se tiġi kondiviża, f'konformità mal-objettivi tal-istrateġija Ewropea għad-*data*.
- (4) Għall-konsistenza u biex jiġu evitati d-duplikazzjonijiet mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/670<sup>13</sup>, jenħtieġ li jiżiedu tipi speċifiċi ta' *data* dwar il-parkeġġ mal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2017/1926 u jenħtieġ li t-tipi ta' *data* dwar l-istazzjonijiet tar-riforniment u tal-iċċarġjar jitneħħew mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2017/1926. Id-*data* dwar il-parkeġġ, bħall-post u d-disponibbiltà tal-postijiet tal-parkeġġ, fejn u kif wieħed għandu jħallas għall-parkeġġ, u l-informazzjoni dwar it-tariffi tal-parkeġġ, huma meqjusa importanti għall-iżvilupp ulterjuri ta' servizzi affidabbli ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar, u jenħtieġ li jiġu magħmula aċċessibbli mid-detenturi tad-*data*, bħall-awtoritajiet tat-trasport, l-operaturi tat-trasport, il-maniġers tal-infrastruttura, il-fornituri ta' servizzi tat-trasport fuq talba jew l-operaturi tal-parkeġġi.
- (5) Jenħtieġ li tiġi żgurata l-koerenza mar-regoli dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri, bħar-regoli stabbiliti bir-Regolamenti (KE) Nru 261/2004<sup>14</sup>, (UE) Nru 1177/2010<sup>15</sup>, (UE) Nru 181/2011<sup>16</sup> u (UE) 2021/782 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>17</sup>.
- (6) Il-miżuri previsti fir-Regolament Delegat (UE) 2017/1926 jenħtieġ li, fejn xieraq, iqisu l-Att futur dwar id-*Data*<sup>18</sup>.

<sup>12</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Strateġija Ewropea għad-*data*", COM(2020) 66 final, 19.2.2020.

<sup>13</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/670 tat-2 ta' Frar 2022 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali fl-UE kollha (ĠU L 122, 25.4.2022, p. 1).

<sup>14</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitolgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU L 46, 17.2.2004, p. 1).

<sup>15</sup> Ir-Regolament (UE) 1177/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaġġi fuq il-ilma interni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 1).

<sup>16</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 181/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 1).

<sup>17</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/782 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (ĠU L 172, 17.5.2021, p. 1).

<sup>18</sup> Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess għus għad-*data* u l-użu tagħha (l-Att dwar id-*Data*). COM(2022) 68 final.

- (7) *Id-data* tkompli tipprovdi l-bażi kuntestwali għall-ġenerazzjoni ta' servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali. Hekk kif il-varar tal-STI qiegħed jaċċellera madwar l-Unjoni, dan jeħtieġ appoġġ kontinwu fil-forma ta' aċċess akbar u mingħajr xkiel għal tipi ta' *data* eżistenti u ġodda rilevanti għall-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali. Għalhekk, *id-data* storika dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku, b'mod partikolari biex jiġi kkalkolat id-dewmien medju, u *d-data* osservata dwar id-dewmien u l-kanċellazzjonijiet, kif ukoll l-informazzjoni dwar il-parkeġġ, huma importanti u jenħtieġ li jsiru aċċessibbli biex jittejbu s-servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali u jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar tal-passiġġieri. Fir-rigward tad-*data* storika u osservata dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku, jenħtieġ li tiġi kondiviża biss *data* li hija rilevanti biex jittejbu s-servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali. *Id-data* osservata dwar id-dewmien u l-kanċellazzjonijiet, marbuta mar-regoli dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri, tista' tippermetti wkoll lill-fornituri tas-servizzi jinfurmaw lill-passiġġieri dwar id-drittijiet tagħhom għal kumpens. F'dak il-kuntest, ir-raġuni għad-dewmien jew għall-kanċellazzjonijiet jenħtieġ li tiġi kondiviża wkoll mid-detenturi tad-*data* sabiex jivvalutaw id-dritt għal kumpens. Peress li l-għan tal-kondiviżjoni tad-*data* osservata huwa marbut mad-drittijiet tal-passiġġieri għal kumpens f'każ ta' dewmien jew ta' kanċellazzjoni, *id-data* dwar il-ħin tal-wasla jew il-ħin tat-tluq, jew it-tnejn li huma, u, meta jkun possibbli, ir-raġunijiet għad-dewmien jew għall-kanċellazzjonijiet biss jenħtieġ li jsiru aċċessibbli permezz tal-punt ta' aċċess nazzjonali kif speċifikat fl-Artikolu 3, u mhux kwalunkwe *data* operazzjonali miġbura matul il-vjaġġ. *Id-data* jenħtieġ li tinħażen mid-detenturi tad-*data* għal perjodu ta' żmien xieraq li jikkorrispondi għad-drittijiet tal-passiġġieri stabbiliti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni msemmija fil-premessa (5).
- (8) Fir-rigward tal-iskambju ta' *data* statika, storika, osservata u dinamika dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku, id-detenturi tad-*data* jenħtieġ li jagħmlu dik *id-data* aċċessibbli permezz tal-punt ta' aċċess nazzjonali kif speċifikat fl-Artikolu 3 billi jużaw l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikoli 4 u 5. Dan jista' jsir ukoll fi kwalunkwe standard ieħor, fejn id-detenturi tad-*data* jkunu jistgħu jagħtu prova li huwa kompatibbli bis-sħiħ mal-istandards ta' referenza, u dment li l-informazzjoni kollha mitluba tkun magħmula disponibbli. Sabiex jagħtu prova tal-kompatibbiltà, id-detenturi tad-*data* jistgħu jużaw konvertituri jew validaturi.
- (9) Id-Direttiva (UE) 2019/1024<sup>19</sup> li tistabilixxi regoli minimi għall-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku madwar l-Unjoni hija mingħajr preġudizzju għal dan ir-Regolament Delegat.
- (10) Huwa importanti li tingħata spinta lit-trasport multimodali, sabiex jintlaħaq l-oġettiv klimatiku ġenerali tal-Unjoni. Minħabba l-aċċessibbiltà mhux sodisfaċenti kurrenti tad-*data* dinamika multimodali, l-aċċessibbiltà tas-settijiet ta' *data* dinamika hija għalhekk meqjusa neċessarja biex tappoġġa l-iżvilupp kontinwu tas-servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali fl-Unjoni kollha u għalhekk jenħtieġ li ssir obbligatorja.
- (11) Kwalunkwe proċessar relatat mal-forniment u mal-użu mill-ġdid ta' *data* personali jenħtieġ li jitwettaq f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni ta' *data* personali u l-privatezza, b'mod partikolari, ir-Regolament (UE)

---

<sup>19</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar *id-data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>20</sup> u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>21</sup>, kif trasposti bid-dritt nazzjonali. Ma huwiex meħtieġ li d-*data* personali tiġi kondiviża permezz ta' punti ta' aċċess nazzjonali biex jintlaħqu l-oġettivi ta' dan ir-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li d-detenturi tad-*data* jieħdu miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa biex jiżguraw li kwalunkwe *data* personali tiġi anonimizzata qabel ma tiġi pprovduta permezz ta' punti ta' aċċess nazzjonali.

- (12) L-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati tal-STI jenħtieġ li jikkooperaw sabiex jintlaħaq qbil dwar definizzjonijiet komuni tal-kwalità tad-*data* bil-għan li jintużaw indikaturi komuni għall-kwalità tad-*data* fil-katina kollha tal-valur tad-*data* dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku, bħalma huma l-kompletezza, l-akkuratezza u l-aġġornament tad-*data*, kif ukoll il-verifiki tal-kwalità applikati, b'mod partikolari s-servizzi transfruntieri. Jenħtieġ li jiġu mħeġġa wkoll ikomplu jaħdmu biex jistabbilixxu l-metodi tal-kejl tal-kwalità assoċjati u l-monitoraġġ tat-tipi differenti ta' *data*. L-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa jikkondividu ma' xulxin l-għarfien, l-esperjenza u l-aħjar prattiki tagħhom fil-qasam tal-kwalità tad-*data* fil-proġetti ta' koordinazzjoni li għaddejjin u futuri.
- (13) Is-servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali jenħtieġ li jkunu akkurati sabiex jipprovdu l-aħjar informazzjoni possibbli lill-utenti finali f'termini ta' affidabilità u puntwalità. Sabiex tittejjeb il-kwalità tad-*data*, l-utenti tad-*data* u d-detenturi tad-*data* jenħtieġ li jiġu mħeġġa jikkooperaw biex jiżguraw li d-*data* hija akkurata kemm jista' jkun, pereżempju billi jirrapportaw kwalunkwe ineżattezzi lid-detentur tad-*data*, li minnu toriġina d-*data*.
- (14) Sabiex jippermettu l-użu b'suċċess u kosteffiċjenti tal-punti ta' aċċess nazzjonali u jippermettu lill-utenti tad-*data* jiskopru u jużaw is-settijiet ta' *data* magħmula aċċessibbli permezz tal-punti ta' aċċess nazzjonali kif speċifikat fl-Artikolu 3, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati tal-STI jenħtieġ li jikkooperaw biex jilħqu ftehim dwar ir-rekwiżiti tal-metadata, filwaqt li jitqiesu l-iskema tal-metadata napDCAT-AP u l-verżjonijiet sussegwenti.
- (15) L-Istati Membri jenħtieġ li jikkollaboraw biex jarmonizzaw l-approċċ tagħhom lejn il-valutazzjoni tal-konformità fil-proġetti ta' koordinazzjoni li għaddejjin u futuri, li jgħinu fl-implimentazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2017/1926.
- (16) Sabiex tkun tista' ssir it-tnejn meħtieġa biex is-settijiet ta' *data* dinamika kollha dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku stabbiliti f'dan ir-Regolament ikunu aċċessibbli fil-formati meħtieġa permezz tal-punti ta' aċċess nazzjonali kif speċifikat fl-Artikolu 3, jenħtieġ li l-perjodu ta' żmien għall-forniment ta' tali *data* jiġi aġġornat. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit ukoll il-perjodu ta' żmien għall-forniment tas-settijiet il-ġodda ta' *data* statika, storika u osservata dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku.

---

<sup>20</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*), ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.

<sup>21</sup> Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika), ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37.



- (17) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>22</sup> u ta l-opinjoni tiegħu fil-25 ta' Lulju 2023.
- (18) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2017/1926 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

#### **Emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2017/1926**

Ir-Regolament Delegat (UE) 2017/1926 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet neċessarji sabiex jiġi żgurat li s-servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali fl-UE kollha jkunu akkurati u disponibbli b'mod transfruntier għall-utenti finali.”;

- (2) L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“*Artikolu 2*

#### **Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2010/40/UE u fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013.

Għandhom japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin, fir-rigward tal-informazzjoni dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku multimodali:

- (1) “informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali” tfisser informazzjoni li ġejja minn kwalunkwe *data* statika, storika, osservata jew dinamika dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku, jew kwalunkwe kombinament tagħhom, għall-utenti finali, ipprovduta permezz ta' kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni, li tkopri mill-anqas żewġ mezz ta' trasport u li permezz tagħha jistgħu jitqabblu modi tat-trasport;
- (2) “servizz ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar” tfisser servizz tal-STI, inklużi l-mapep diġitali, li jipprovdni lill-utenti tad-*data*, u lill-utenti finali, b'informazzjoni dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku ta' mill-inqas mod wieħed ta' trasport;
- (3) “*data* dinamika dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku” tfisser id-*data* li għandha x'taqsam ma' modi differenti ta' trasport li tinbidel ta' spiss, jew *data* dwar avvenimenti jew ċirkostanzi mhux mistennija, kif elenkat fl-Anness;
- (4) “*data* statika dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku” tfisser id-*data* li għandha x'taqsam ma' modi differenti ta' trasport li ma tinbidilx ta' spiss, jew *data* dwar bidliet ipplanati, kif elenkat fl-Anness;

---

<sup>22</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

- (5) “*data* storika dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku” tfisser *data* relatata mal-karatteristiċi tat-traffiku, użata biex jiġi kkalkolat id-dewmien medju, skont is-sieġha, il-jum u l-istaġun, li hija bbażata fuq kejl preċedenti, inkluża r-rata ta’ konġestjoni, il-veloċitajiet medji, u l-ħinijiet medji tal-ivvjaġġar;
- (6) “*data* osservata” tfisser *data* operazzjonali relatata mal-ivvjaġġar u t-traffiku, bħat-tul u r-raġuni għad-dewmien u l-kanċellazzjonijiet, li tirriżulta minn u tinġabar matul l-operazzjonijiet tas-servizz;
- (7) “*utent tad-data*” tfisser kwalunkwe entità pubblika jew privata, bħall-awtoritajiet tat-trasport, l-operaturi tat-trasport, il-fornituri tas-servizzi tal-informazzjoni dwar l-ivvjaġġar, il-produtturi tal-mapep diġitali, il-fornituri tas-servizzi tat-trasport fuq talba u l-manigġers tal-infrastruttura, jew kwalunkwe entità oħra li tuża d-*data* elenkata fl-Anness biex toħloq informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali, jew fejn previst mit-termini u l-kundizzjonijiet iddeterminati mid-detentur tad-*data*, bl-użu ta’ *data* għal skopijiet oħra;
- (8) “awtorità tat-trasport” tfisser kwalunkwe awtorità pubblika responsabbli għall-ġestjoni tat-traffiku jew għall-ippjanar, mill-kontroll jew mill-ġestjoni ta’ network ta’ trasport partikolari jew ta’ servizz ta’ trasport, jew it-tnejn li huma, li jaqgħu fil-kompetenza territorjali tagħha;
- (9) “operatur tat-trasport” tfisser kwalunkwe entità pubblika jew privata li hija responsabbli għall-manutenzjoni u l-ġestjoni tas-servizz tat-trasport;
- (10) “fornitur ta’ servizzi tat-trasport fuq talba” tfisser kwalunkwe furnitur pubbliku jew privat ta’ servizzi tat-trasport fuq talba lill-utenti finali;
- (11) “detentur tad-*data*” tfisser kwalunkwe persuna ġuridika, entità pubblika jew privata, bħall-awtoritajiet tat-trasport, l-operaturi tat-trasport, il-manigġers tal-infrastruttura jew il-fornituri ta’ servizzi tat-trasport fuq talba, li għandha d-dritt li tagħti aċċess għal jew li tikkondividi d-*data* taħt il-kontroll tagħha, elenkata fl-Anness, f’konformità mal-liġi applikabbli tal-Unjoni jew nazzjonali;
- (12) “servizz tat-trasport fuq talba” tfisser servizz li jeħtieġ interazzjoni bejn il-fornitur tas-servizz tat-trasport fuq talba u l-utent finali qabel jiġi fornut;
- (13) “*utent finali*” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li jkollha aċċess għas-servizzi tal-informazzjoni dwar l-ivvjaġġar;
- (14) “*metadata*” tfisser deskrizzjoni strutturata tal-kontenut tad-*data* li tiffaċilita s-sejbien u l-użu tad-*data*;
- (15) “riżultat tat-tiftix tar-rotta” tfisser l-itinerarju tal-ivvjaġġar f’format li jinqara mill-magni li jirriżulta minn talba għal vjaġġ tal-utenti finali b’referenza għall-punt jew il-punti tat-trasferiment użat(i);
- (16) “punt tat-trasferiment” tfisser l-istazzjon, il-waqfa jew il-post fejn żewġ riżultati tat-tiftix tar-rotta minn servizzi ta’ informazzjoni dwar l-ivvjaġġar huma kkollegati biex jitwettag vjaġġ;
- (17) “punt ta’ aċċess” tfisser interfaċċa diġitali fejn mill-inqas id-*data* elenkata fl-Anness, flimkien mal-*metadata* korrispondenti, isiru aċċessibbli għall-użu mill-ġdid lill-utenti tad-*data*, jew fejn is-sorsi u l-*metadata* ta’ din id-*data* jsiru aċċessibbli għall-użu mill-ġdid lill-utenti tad-*data*;

- (18) “aġġornament tad-*data*” tfisser kwalunkwe modifika ta’ *data* eżistenti, inkluż it-tħassir tagħha jew iż-żieda ta’ elementi ġodda jew addizzjonali;
- (19) “servizz ta’ sejbien” tfisser servizz li jippermetti t-tiftix tad-*data* mitluba bl-użu tal-kontenut tal-metadata korrispondenti u li juri tali kontenut;
- (20) “aċċessibbiltà tad-*data*” tfisser il-possibbiltà li tintalab u tinkiseb id-*data* fi kwalunkwe ħin f’format li jinqara mill-magni;
- (21) “network komprensiv trans-Ewropew tat-trasport” jew “TEN-T” tfisser l-infrastruttura tat-trasport u l-miżuri msemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013;
- (22) “tempestività tad-*data*” tfisser id-disponibbiltà ta’ *data* aġġornata pprovduta lill-utenti tad-*data* u lill-utenti finali kmieni biżżejjed biex tkun utli;
- (23) “fornitur ta’ servizzi ta’ informazzjoni dwar l-ivvjaġġar” tfisser kwalunkwe furnitur pubbliku jew privat ta’ mill-inqas informazzjoni waħda dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku, lill-utenti tad-*data* u lill-utenti finali, bl-esklużjoni ta’ sempliċi konvertitur tal-informazzjoni;
- (24) “kollegament tas-servizz” tfisser il-konnessjoni tas-servizzi ta’ informazzjoni lokali, reġjonali, u nazzjonali dwar l-ivvjaġġar li huma interkonnessi permezz ta’ interfaċċi tekniċi biex jipprovdu riżultati tat-tiftix tar-rotta jew riżultati oħra ta’ interfaċċi ta’ programmar tal-applikazzjonijiet (APIs) abbażi ta’ *data* statika, storika, osservata u/jew dinamika dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku;
- (25) “nodu ta’ aċċess” tfisser post iddefinit minn qabel fejn il-passiġġieri jistgħu jitolgħu abbord jew jinżlu mit-trasport skedat jew mit-trasport fuq talba.’;
- (3) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:
- (a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:
- “1. Kull Stat Membru għandu jstabilixxi punt ta’ aċċess nazzjonali. Il-punt ta’ aċċess nazzjonali għandu jikkostitwixxi punt uniku ta’ aċċess għall-utenti tad-*data* għad-*data* statika, storika, osservata u dinamika dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku ta’ modi differenti ta’ trasport, inklużi aġġornamenti tad-*data*, kif stabbilit fl-Anness, ipprovduta mid-detenturi tad-*data* fit-territorju ta’ Stat Membru partikolari.”;
- (b) il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b’dan li ġej:
- “3. Il-punti ta’ aċċess nazzjonali għandhom jipprovdu servizzi ta’ sejbien lill-utenti tad-*data*.
4. L-Istati Membri għandhom jilħqu ftehim, f’kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti tal-STI, dwar ir-rekwiżiti tal-metadata. Id-detenturi tad-*data* għandhom jiżguraw li jipprovdu l-metadata abbażi ta’ daww ir-rekwiżiti.”;
- (c) jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:
- “6. Kwalunkwe entità li tipprovdi *data* permezz tal-punt ta’ aċċess nazzjonali tista’ tagħmel dan permezz ta’ prokura f’konformità mal-ftehimiet applikabbli, inkluż permezz ta’ bażi tad-*data* jew aggregatur ta’ partijiet terzi. Dan ma għandux jeżonera lid-detentur oriġinali tad-*data* mill-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 3 sa 8.”;
- (4) L-Artikoli 4, 5 u 6 huma sostitwiti b’dan li ġej:

**L-aċċessibbiltà, l-iskambju u l-użu mill-ġdid tad-*data* statika, storika u osservata dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku**

1. Id-detenturi tad-*data* għandhom jipprovdu, permezz tal-punt ta’ aċċess nazzjonali stabbilit f’konformità mal-Artikolu 3, aċċess għad-*data* statika, storika u osservata dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku elenkata fil-punt 1 tal-Anness, tal-modi u l-mezzi differenti tat-trasport billi jużaw:
  - (a) għat-trasport bit-triq, il-format standardizzat imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/962;
  - (b) għal modi oħra ta’ trasport, wieħed mill-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li ġejjin, jew kwalunkwe format diġitali li jinqara mill-magni, li dwaru tista’ tingħata prova li huwa kompatibbli u interoperabbli bis-sħiħ ma’ dawk l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, inkluż pereżempju permezz ta’ konvertituri u validaturi awtomatiċi:
    - (i) NeTEx CEN/TS 16614 u l-verżjonijiet sussegwenti;
    - (ii) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 454/2011;
    - (iii) id-dokumenti tekniċi ppubblikati taħt l-awtorità tal-Konferenza tas-Servizzi tal-Passiġġieri tal-IATA;
    - (iv) Transmudell EN 12896 fejn ma jkun hemm l-ebda protokoll ta’ skambju ta’ referenza.
  - (c) għan-network ġeografiku, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2007/2/KE.
2. Id-*data* statika, storika u osservata dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku elenkata fil-punt 1 tal-Anness, li għaliha japplikaw in-NeTEx u d-DATEX II, għandha tiġi rrappreżentata permezz ta’ profili minimi tal-UE jew profili nazzjonali.
3. Id-detenturi tad-*data* għandhom jipprovdu *data* statika, storika u osservata dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku permezz tal-punt ta’ aċċess nazzjonali stabbilit f’konformità mal-Artikolu 3 fil-formati meħtieġa f’konformità mal-iskeda ta’ żmien li ġejja:
  - (a) għad-*data* dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku stabbilita fil-punt 1.1 tal-Anness, ħlief għall-punt 1.1(d)(ix), għan-network TEN-T komprensiv, sal-1 ta’ Diċembru 2019;
  - (b) għad-*data* dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku stabbilita fil-punt 1.2 tal-Anness, ħlief għall-punti 1.2(a)(i) u (iii), u l-punt 1.2(c)(ii), għan-network TEN-T komprensiv, sal-1 ta’ Diċembru 2020;
  - (c) għad-*data* dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku stabbilita fil-punt 1.3 tal-Anness, ħlief għall-punt 1.3(c)(iii), għan-network TEN-T komprensiv, sal-1 ta’ Diċembru 2021;
  - (d) għad-*data* dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku stabbilita fil-punti 1.1, 1.2 u 1.3 tal-Anness, ħlief għall-punt 1.1(d)(ix), il-punti 1.2(a)(i), (iii) u (vii), il-punt 1.2(c)(ii), il-punt 1.3(c)(iii), kif ukoll il-punt 1.2(c)(i), u l-punti 1.3(a)(ii) u (iii) għat-trasport fuq talba, għall-partijiet l-oħra tan-network tat-trasport tal-Unjoni, sal-1 ta’ Diċembru 2023;

- (e) għad-data dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku stabbilita fil-punt 1.1(d)(ix), il-punti 1.2(a)(i), (iii) u (vii), il-punt 1.2(c)(ii), il-punt 1.3(c)(iii), il-punt 1.2(c)(i) u l-punti 1.3(a)(ii) u (iii) għat-trasport fuq talba tal-Anness, għan-network kollu tat-trasport fl-Unjoni, sal-1 ta' Diċembru 2024;
  - (f) għad-data dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku stabbilita fil-punt 1.4 tal-Anness, għan-network kollu tat-trasport tal-Unjoni, sal-1 ta' Diċembru 2025.
4. L-APIs li jipprovdu aċċess għal *data* statika, storika u osservata dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku elenkati fl-Anness permezz tal-punt ta' aċċess nazzjonali stabbilit f'konformità mal-Artikolu 3 għandha tkun aċċessibbli għall-pubbliku għall-utenti tad-*data*, fejn rilevanti soġġett għal reġistrazzjoni.
  5. L-utenti tad-*data* u d-detenturi tad-*data* għandhom jikkollaboraw sabiex jiżguraw li kwalunkwe ineżattezza relatata mad-*data* statika, storika u osservata dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku tiġi nnotifikata mingħajr dewmien lid-detentur tad-*data* li minnu toriġina d-*data*.
  6. Id-*data* pprovduta mid-detenturi tad-*data* permezz tal-punt ta' aċċess nazzjonali ma għandhiex tinkludi data personali kif definita fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2016/679.

#### Artikolu 5

#### **L-aċċessibilità, l-iskambju u l-użu mill-ġdid tad-*data* dinamika dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku**

1. Id-detenturi tad-*data* għandhom jipprovdu, permezz tal-punt ta' aċċess nazzjonali stabbilit f'konformità mal-Artikolu 3, aċċess għad-*data* dinamika dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku elenkata fil-punti 2.1 u 2.2 tal-Anness, tal-modi u l-mezzi differenti tat-trasport billi jużaw:
  - (a) għat-trasport bit-triq, il-formati msemmija fl-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/962;
  - (b) għall-modi l-oħra tat-trasport, kwalunkwe wieħed mill-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li ġejjin, jew kwalunkwe format diġitali li jinqara mill-magni li jista' jiġi ppruvat li huwa kompatibbli u interoperabbli bis-sħiħ ma' dawk l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, inkluż pereżempju permezz ta' konvertituri u validaturi awtomatiċi:
    - (i) SIRI CEN/TS 15531 u l-verżjonijiet sussegwenti,
    - (ii) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 454/2011.
2. Id-*data* dinamika dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku msemmija fil-punti 2.1 u 2.2 tal-Anness, li għaliha huma applikabbli s-SIRI u d-DATEX II, għandha tiġi rrappreżentata permezz ta' profili minimi tal-UE jew profili nazzjonali.
3. Id-detenturi tad-*data* għandhom jipprovdu *data* dinamika dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku permezz tal-punt ta' aċċess nazzjonali stabbilit f'konformità mal-Artikolu 3 fil-formati meħtieġa f'konformità mal-iskeda ta' żmien li ġejja:
  - (a) għas-sett tad-*data* dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku stabbilit fil-punt 2.1 tal-Anness, għan-network TEN-T komprensiv, sal-1 ta' Diċembru 2025;

- (b) għas-sett tad-*data* dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku stabbilit fil-punt 2.2 tal-Anness, għan-network TEN-T komprensiv, sal-1 ta' Diċembru 2026;
  - (c) għas-sett tad-*data* dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku stabbilit fil-punti 2.1 u 2.2 tal-Anness għall-partijiet l-oħra tan-network tat-trasport tal-Unjoni, sal-1 ta' Diċembru 2028.
4. Kull Stat Membru jista' jiddeċiedi li d-detenturi tad-*data* għandhom jipprovdu d-*data* dinamika dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku ta' modi differenti tat-trasport elenkati fil-punt 2.3 tal-Anness, fit-territorju ta' dak l-Istat Membru, permezz tal-punt ta' aċċess nazzjonali stabbilit f'konformità mal-Artikolu 3. F'dak il-każ, id-detenturi tad-*data* għandhom jużaw SIRI CEN/TS 15531 u verżjonijiet sussegwenti, jew kwalunkwe format diġitali li jinqara mill-magni li jista' jiġi ppruvat li huwa kompatibbli u interoperabbli bis-sħiħ ma' dawk l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, inkluż pereżempju permezz ta' konvertituri u validaturi awtomatiċi.
  5. L-APIs li jipprovdu aċċess għal *data* dinamika dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku elenkati fl-Anness permezz tal-punt ta' aċċess nazzjonali stabbilit f'konformità mal-Artikolu 3 għandhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku għall-utenti tad-*data*, fejn rilevanti soġġett għal reġistrazzjoni.
  6. L-utenti tad-*data* u d-detenturi tad-*data* għandhom jikkollaboraw sabiex jiżguraw li kwalunkwe ineżattezza relatata mad-*data* dinamika dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku tiġi nnotifikata mingħajr dewmien lid-detentur tad-*data* li minnu toriġina d-*data*.
  7. Id-*data* pprovduta mid-detenturi tad-*data* permezz tal-punt ta' aċċess nazzjonali ma għandhiex tinkludi *data* personali kif definita fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2016/679.

#### Artikolu 6

#### Aġġornamenti tad-*data*

1. Is-servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar għandhom ikunu bbażati fuq l-aktar *data* statika, storika, osservata u dinamika reċenti aċċessibbli dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku.
  2. Meta jseħħu bidliet fid-*data* msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, id-detenturi tad-*data* għandhom jaġġornaw id-*data* statika, storika, osservata u dinamika rilevanti dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku elenkata fl-Anness u jagħmluha aċċessibbli permezz tal-punt ta' aċċess nazzjonali stabbilit f'konformità mal-Artikolu 3 f'perjodu ta' żmien li jippermetti l-użu affidabbli u effettiv tad-*data* f'konformità mal-Artikolu 8. Meta l-bidliet ikunu magħrufa minn qabel, id-detenturi tad-*data* għandhom jipprovdu wkoll dawk l-aġġornamenti lill-utenti tad-*data* minn qabel. Dawn għandhom ukoll jikkoreġu tempestivament kull ineżattezza individwata minnhom fid-*data* tagħhom jew dik notifikata lilhom minn kwalunkwe utent tad-*data* jew utent finali.”;
- (5) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “1. Fuq talba, il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar għandhom jipprovdu lil fornitur ieħor ta' servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar b'riżultati tat-tiftix tar-rotta bbażati fuq informazzjoni statika, storika, osservata u dinamika dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku.”;

(6) fl-Artikolu 8, il-paragrafi 1 sa 4 huma sostitwiti b'dan li ġejj:

“1. Id-*data* dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku elenkata fl-Anness u l-metadata korrispondenti, inkluża l-informazzjoni dwar il-kwalità tagħha, għandhom ikunu aċċessibbli għall-iskambju u l-użu mill-ġdid fl-Unjoni fuq bażi mhux diskriminatorja, permezz tal-punt ta' aċċess nazzjonali stabbilit f'konformità mal-Artikolu 3 u f'perjodu ta' żmien li jippermetti l-użu mill-ġdid affidabbli u effettiv tad-*data*. Tali *data* għandha tkun akkurata u aġġornata u bbażata fuq rekwiżiti minimi tal-kwalità tad-*data*. Għal dak il-għan, l-Istati Membri f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti tal-STI, għandhom jilħqu ftehim dwar tali rekwiżiti minimi tal-kwalità tad-*data*.

2. Id-*data* msemmija fil-paragrafu 1 għandha tintuża mill-ġdid b'mod newtrali, mingħajr diskriminazzjoni jew preferenzi fil-konfront tad-detentur tad-*data*. Il-kriterji użati għall-klassifikazzjoni tal-għażliet ta' vvjaġġar ta' modi ta' trasport differenti jew kombinamenti tagħhom, jew it-tnejn li huma, għandhom ikunu trasparenti u ma għandhom ikunu bbażati fuq l-ebda fattur direttament jew indirettament relatat mal-identità tal-utent tad-*data* jew tal-utent finali jew, jekk ikun il-każ, mal-kunsiderazzjoni kummerċjali relatata mal-użu mill-ġdid tad-*data* u għandhom jiġu applikati fuq bażi mhux diskriminatorja għall-utenti tad-*data* jew l-utenti finali kollha li jkunu qed jipparteċipaw. L-ewwel preżentazzjoni tal-itinerarju tal-vjaġġ ma għandhiex tqarra lill-utent finali.

3. Meta d-*data* statika, storika, osservata u dinamika dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku tintuża mill-ġdid, is-sors ta' dik id-*data* għandu jiġi indikat, jekk id-detentur tad-*data* jirrikjedi hekk. Għandu jiġi indikat ukoll l-intervall ta' aġġornament tad-*data* statika, storika, osservata u, fejn possibbli, dak tad-*data* dinamika.

4. It-termini u l-kundizzjonijiet għall-użu tad-*data* dwar it-traffiku u l-ivvjaġġar ipprovduti permezz tal-punt ta' aċċess nazzjonali stabbilit f'konformità mal-Artikolu 3 jistgħu jiġu ddeterminati permezz ta' ftehim ta' liċenzja. Dawn il-kundizzjonijiet ma għandhomx jillimitaw mingħajr bżonn il-possibbiltajiet għall-użu mill-ġdid jew jintużaw biex jirrestrinġu l-kompetizzjoni. Il-ftehimiet għall-ħruġ ta' liċenzji, kull meta jintużaw, għandhom fi kwalunkwe każ jimponu l-inqas restrizzjonijiet possibbli fuq l-użu mill-ġdid. Kwalunkwe kumpens finanzjarju għandu jkun raġonevoli u proporzjonat għall-kostijiet leġittimi li jirriżultaw mill-provvista u t-tixrid tad-*data* rilevanti dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku.”;

(7) L-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġejj:

“*Artikolu 9*

#### **Valutazzjoni tal-konformità**

1. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw jekk id-detenturi tad-*data* u l-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar jikkonformawx mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 3 sa 8.
2. Sabiex iwettqu l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jitolbu mingħand id-detenturi tad-*data* u l-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar, id-dokumenti li ġejjin:
  - (a) deskrizzjoni tad-*data* dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku aċċessibbli permezz tal-punt ta' aċċess nazzjonali, l-informazzjoni dwar il-kwalità tagħha u l-kundizzjonijiet tal-użu mill-ġdid ta' dik id-*data*;

- (b) deskrizzjoni tas-servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar disponibbli inklużi konnessjonijiet ma' servizzi oħra fejn applikabbli;
  - (c) dikjarazzjoni bbażata fuq l-evidenza tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 3 sa 8;
  - (d) il-ftehimiet ta' liċenzja jew kuntrattwali mal-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar.
3. L-Istati Membri għandhom jiċċekkjaw, b'mod aleatorju, il-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet imsemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 2.”;
- (8) fl-Artikolu 10, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni li ġejja bħala parti mir-rapporti ta' progress previsti fl-Artikolu 17(3) tad-Direttiva 2010/40/UE:
- (a) il-progress li sar f'termini tal-aċċessibilità u tal-iskambju tat-tipi ta' *data* dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku stabbiliti fl-Anness;
  - (b) l-ambitu ġeografiku tad-data stabbilit fl-Anness aċċessibbli permezz tal-punt ta' aċċess nazzjonali stabbilit f'konformità mal-Artikolu 3, u l-kwalità tagħhom, inklużi l-kriterji użati għad-definizzjoni ta' din il-kwalità u l-mezzi użati għall-monitoraġġ tagħha;
  - (c) il-konnessjoni tas-servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar ma' xulxin;
  - (d) ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-konformità msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 9;
  - (e) fejn rilevanti, deskrizzjoni tal-bidliet fil-punt ta' aċċess nazzjonali stabbilit f'konformità mal-Artikolu 3.”;
- (9) l-Anness huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

## *Artikolu 2*

### **Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 29.11.2023

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Ursula VON DER LEYEN*





IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 29.11.2023  
C(2023) 8105 final

ANNEX

**ANNEX**

**tar-**

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/1926 li jissupplimenta d-Direttiva  
2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forniment tas-servizzi  
ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali fl-UE kollha**

Anness  
“ANNESS  
KATEGORIJI TAD-DATA

(kif imsemmija fl-Artikoli 2, 3, 4, 5, 6, 8 u 10)

Diviżjoni tal-modi tat-trasport u tal-mezzi tat-trasport u tas-servizzi inklużi, bħal

**Trasport skedat bħal:**

It-trasport bl-ajru, il-ferroviji, inklużi l-ferroviji b'veloċità għolja, il-ferroviji konvenzjonali, il-ferroviji ħfief, il-funikulari, il-kowċis għal distanza twila, it-trasport marittimu inkluż bil-lanċa, il-passaġġi fuq l-ilma interni, il-metro, it-tramm, ix-xarabank, it-trolley-bus.

**Trasport fuq talba bħal:**

Shuttle bus, shuttle ferry, servizzi ta' dial-a-ride, taksi, ċar-sharing, ċar-pooling, kiri ta' karożżi, ride-sharing, bike-sharing, kiri ta' roti, e-scooter sharing.

**Trasport personali bħal:**

Karozza, mutur, rota, scooter, mixi.

**1. TIPI TA' DATA STATIKA, STORIKA U OSSERVATA DWAR L-IVVJAĠĠAR U T-TRAFFIKU**

**1.1. Livell ta' servizz 1**

- (a) tiftix tal-post (l-oriġini/id-destinazzjoni):
  - (i) indirizzi (in-numru tal-bini, l-isem tat-triq, il-kodiċi postali);
  - (ii) postijiet topografici (il-belt, ir-raħal, is-subborg, l-unità amministrattiva);
  - (iii) punti ta' interess (relatati mal-informazzjoni dwar it-trasport) lejn liema jista' jkun li jixtiequ jivvjaġġaw in-nies;
- (b) pjanijiet tal-vjaġġi: kalendarju operazzjonali, immappjar tat-tipi ta' ġranet mad-dati tal-kalendarju
- (c) tiftix tal-post (nodi ta' aċċess) – għat-trasport skedat u għat-trasport fuq talba fejn rilevanti:
  - (i) nodi ta' aċċess identifikati;
  - (ii) ġeometrija/struttura tal-layout tal-mappa tan-nodi ta' aċċess;
- (d) komputazzjoni tal-pjan tal-vjaġġ – għat-trasport skedat u għat-trasport fuq talba fejn rilevanti:
  - (i) konnessjoni fejn jistgħu jsiru interkambji;
  - (ii) ħinijiet ta' trasferiment prestabbiliti fl-interkambji;
  - (iii) topoloġija tan-network u rotot/linji (topoloġija);
  - (iv) operaturi tat-trasport;
  - (v) skedi tal-ħinijiet;
  - (vi) interkambji ppjanati bejn is-servizzi skedati ggarantiti;

- (vii) ħinijiet tal-operat;
- (viii) faċilitajiet tan-nodi ta' aċċess (inkluż l-informazzjoni dwar il-pjattaforma, il-help desks/il-punti ta' informazzjoni, il-kabini tal-biljetti, il-liftijiet/it-taraġ, il-postijiet ta' dħul u ħruġ);
- (ix) vetturi, inkluża l-aċċessibilità tagħhom (bħal art baxxa, aċċessibilità għas-siġġijiet tar-roti, aċċessibilità għall-pramms) u l-aċċessibilità tas-servizzi abbord (bħat-tojlits);
- (x) aċċessibilità tan-nodi ta' aċċess, u korsiji fi ħdan interkambju (bħall-eżistenza ta' liftijiet, skali mobbli);
- (xi) l-eżistenza ta' servizzi ta' assistenza (bħall-eżistenza ta' assistenza fuq il-post);
- (e) komputazzjoni tal-pjan tal-vjaġġ:
  - (i) network tat-toroq (inklużi korsiji segregati għal karożżi tal-linja/taksis);
  - (ii) network għar-roti (mogħdijiet għaċ-ċiklisti, korsiji għaċ-ċiklisti, korsiji għall-karożżi tal-linja u għaċ-ċiklisti, fit-toroq kondiviżi mal-vetturi, fil-passaġġi kondiviżi ma' persuni bil-mixi);
  - (iii) network għall-persuni bil-mixi u faċilitajiet ta' aċċessibilità.

## 1.2. Livell ta' servizz 2

- (a) tiftix tal-post – għat-trasport fuq talba u għat-trasport personali:
  - (i) post fejn jinsabu l-parkeġġi (fit-triq u mhux fit-triq), inklużi parkeġġi aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà u għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa;
  - (ii) waqfiet tal-Park & Ride;
  - (iii) waqfiet tal-Park & Drive;
  - (iv) stazzjonijiet tal-bike-sharing;
  - (v) stazzjonijiet tal-ċar-sharing;
  - (vi) faċilitajiet siguri għall-parkeġġ tar-roti (bħal garaxxijiet imsakkrin għar-roti);
  - (vii) żoni għall-parkeġġ tal-iscooters;
- (b) servizz ta' informazzjoni:
  - (i) fejn u kif jinxtraw il-biljetti għat-trasport skedat, inklużi l-kanali tal-bejgħ bl-imnut, il-metodi ta' twettiq, il-metodi ta' ħlas;
  - (ii) fejn u kif tħallas għall-parkeġġ, inklużi l-kanali tal-bejgħ bl-imnut, il-metodi ta' twettiq, il-metodi ta' ħlas;
- (c) informazzjoni awżiljarja – għat-trasport skedat u għat-trasport fuq talba fejn rilevanti:
  - (i) tariffi standard komuni bażiċi:
    - *data* tan-network tat-tariffi (iż-żoni tat-tariffi/il-waqfiet u l-istejgjis tat-tariffi);

- strutturi tat-tariffi standard (minn punt sa punt inklużi t-tariffi ta' kuljum u fil-ġimġha, it-tariffi skont iż-żona, it-tariffi fissi);
- (i) il-faċilitajiet tal-vetturi, inklużi l-klassijiet tat-trasport, il-Wi-Fi abbord, il-kundizzjonijiet tal-kapaċità u tal-aċċess għar-roti.

### 1.3. Livell ta' servizz 3

- (a) mistoqsijiet dettaljati rigward tariffi komuni standard u speċjali – għat-trasport skedat u għat-trasport fuq talba fejn rilevanti:
  - (i) klassijiet tal-passiġġieri (klassijiet ta' passiġġieri bħal adulti, tfal, anzjani, studenti, militari/veterani, passiġġieri b'diżabbiltà u passiġġieri b'mobbiltà mnaqqsa, u kundizzjonijiet ta' kwalifika, u klassijiet tal-ivvjaġġar);
  - (ii) prodotti tat-tariffi komuni (id-drittijiet ta' aċċess bħaż-żona/minn punt sa punt inklużi l-biljetti ta' kuljum u fil-ġimġha/mingħajr ritorn/bir-ritorn, l-eliġibbiltà ta' aċċess, il-kundizzjonijiet ta' użu bażiċi bħall-perjodu ta' validità/l-operatur/il-ħin tal-vjaġġ/l-interkambju, il-prezzijiet tat-tariffi minn punt sa punt standard għal dawk minn punt sa punt differenti inklużi t-tariffi ta' kuljum u fil-ġimġha/il-prezzijiet tat-tariffi skont iż-żona/il-prezzijiet tat-tariffi fissi);
  - (iii) prodotti tat-tariffi speċjali (offerta b'kundizzjonijiet speċjali addizzjonali bħal tariffi promozzjonali, tariffi għal gruppi, biljetti staġunali, prodotti aggregati li jgħaqqdu flimkien prodotti differenti u prodotti supplementari bħall-parkeġġ u l-ivvjaġġar, perjodu ta' waqfien minimu);
  - (iv) kundizzjonijiet kummerċjali bażiċi bħar-rimborż, is-sostituzzjoni, l-iskambju jew it-trasferiment;
  - (v) kundizzjonijiet bażiċi tal-ibbukkar bħal perjodi ta' xiri, perjodi ta' validità, restrizzjonijiet tar-rotot, tariffi għal sekwenzi żonali, perjodu ta' waqfien minimu;
- (b) servizz ta' informazzjoni – għat-trasport fuq talba: kif jiġu bbukkjati servizzi tat-trasport li jirrispondu għad-domanda, inklużi l-kanali tal-bejgħ bl-immnut, il-metodi ta' twettiq, il-metodi ta' ħlas;
- (c) pjanijiet tal-vjaġġ:
  - (i) karatteristiċi dettaljati tan-network għar-roti (il-kwalità tas-superfiċje, is-sewqan tar-roti maġenb xulxin, il-kondiviżjoni tas-superfiċje, il-korsija integrata/separata mit-triq, ir-rotta panoramika, għall-mixi biss, ir-restrizzjonijiet ta' dawrien jew aċċess, eż. kontra l-fluss tat-traffiku);
  - (ii) parametri meħtieġa biex jiġi kkalkulat fattur ambjentali bħall-emissjonijiet ta' gassijiet serra għal kull tip ta' vettura jew għal kull mil tal-passiġġier jew għad-distanza li wieħed ikun mexa;
  - (iii) parametri meħtieġa għall-kalkolu tal-konsum tal-fjuwil ta' fjuwils konvenzjonali u alternattivi;
- (d) komputazzjoni tal-pjan tal-vjaġġ: ħinijiet stmati tal-ivvjaġġar skont it-tip ta' ġurnata u l-faxxa tal-ħin u skont il-mod tat-trasport/il-kombinament ta' modi tat-trasport.

#### 1.4. Livell ta' servizz 4

- (a) *data* storika dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku dwar id-dewmien – għat-trasport skedat u għat-trasport fuq talba fejn rilevanti;
- (b) *data* osservata dwar id-dewmien u l-ħin tal-passaġġ – għat-trasport skedat:
  - (i) tul ta', u meta possibbli r-raġuni għal, dewmien ta' mill-inqas 60 minuta għas-servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri (f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/782);
  - (ii) tul ta', u meta possibbli r-raġuni għal, dewmien fit-tluq ta' aktar minn 90 minuta għas-servizzi tal-passiġġieri bil-baħar u tal-passaġġi fuq l-ilma interni (f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1177/2010);
  - (iii) tul ta', u meta possibbli r-raġuni għal, dewmien fit-tluq ta' aktar minn 120 minuta minn terminal għal servizzi regolari tal-passiġġieri bix-xarabank u bil-kowċ b'distanza skedata ta' 250 km jew aktar (f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 181/2011);
  - (iv) tul ta', u meta possibbli r-raġuni għal, dewmien fit-tluq tat-titjiriet ta' mill-inqas 120 minuta; u dewmien fil-wasla tat-titjiriet ta' mill-inqas 180 minuta (f'konformità mal-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament (KE) Nru 261/2004);
- (c) *data* osservata dwar il-kanċellazzjonijiet – għat-trasport skedat:
  - (i) kanċellazzjonijiet tas-servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri, u meta possibbli r-raġunijiet għalihom;
  - (ii) kanċellazzjonijiet tas-servizzi tal-passiġġieri bil-baħar u tal-passaġġi fuq l-ilma interni, u meta possibbli r-raġunijiet għalihom;
  - (iii) kanċellazzjonijiet tas-servizzi regolari bix-xarabank u bil-kowċ b'distanza skedata ta' 250 km jew aktar, u meta possibbli r-raġunijiet għalihom;
  - (iv) kanċellazzjonijiet tat-titjiriet, u meta possibbli r-raġunijiet għalihom;
- (d) informazzjoni dwar it-tariffi tal-parkeġġ.

## 2. TIPI TA' DATA DINAMIKA DWAR L-IVVJAĠĠAR U T-TRAFFIKU

### 2.1. Livell ta' servizz 1

Ħinijiet tal-passaġġ, pjanijiet tal-vjaġġ u informazzjoni awżiljarja:

- (i) tfixkil, bħal għeluq u/jew devjazzjonijiet tan-network, u meta possibbli r-raġunijiet għalihom;
- (ii) informazzjoni dwar l-istatus f'ħin reali, bħall-ħinijiet stmati tat-tluq u tal-wasla tas-servizzi, dewmien, kanċellazzjonijiet, monitoraġġ tal-konnessjonijiet garantiti;
- (iii) status tal-karatteristiċi tan-nodi ta' aċċess (inkluża informazzjoni dinamika dwar il-pjattaforma, liftijiet/skali mobbli operazzjonali, postijiet ta' dħul u ħruġ magħluqa) – għat-trasport skedat.

## **2.2. Livell ta' servizz 2**

- (a) servizz ta' informazzjoni dwar it-tariffi tal-parkeġġ – għat-trasport fuq talba u t-trasport personali;
- (b) kontroll tad-disponibbiltà u l-post – għat-trasport fuq talba u t-trasport personali fejn rilevanti;
  - (i) id-disponibbiltà tal-ċar-sharing u l-post fejn jinsab, id-disponibbiltà tal-bike-sharing u l-post fejn jinsab, id-disponibbiltà tal-iscooter-sharing u l-post fejn jinsab, u d-disponibbiltà ta' tipi oħra ta' vehicle-sharing u l-post fejn jinsabu;
  - (ii) spazji disponibbli għall-parkeġġ tal-karozzi (fit-triq u mhux fit-triq).

## **2.3. Livell ta' servizz 3**

Informazzjoni dwar l-okkupanza tal-vettura – għat-trasport skedat u għat-trasport fuq talba fejn rilevanti”.